Qorti Ċivili, Prim'Awla

Rikors numru: 170/2023

Wara l-mandat ta' sekwestru numru 89/2023 fl-ismijiet:

**Josef Borg**

**Vs**

**Samantha Borg**

13 ta' Settembru, 2023.

1. B'rikors preżentat fil-21 ta' Lulju 2023 ir-rikorrenti Samantha Borg talbet għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 89/2023 għaliex issostni li l-ammont pretiż mill-intimat Josef Borg hu diġa' kawtelat permezz ta' ċedola ta' depożitu numru 1352/2013 u sabiex alternattivament tagħti ordni biex is-salarju tagħha ma jibqax sekwestrat għaliex hu fl-ammont ta' €698.81 fix-xahar.

2. L-intimat wieġeb permezz ta' tweġiba li ppreżenta fis-6 ta' Settembru 2023 fejn ta r-raġunijiet għalfejn din il-qorti għandha tiċħad it-talbiet.

3. Fis-seduta tal-lum il-qorti semgħet lill-partijiet.

4. Il-fatti prinċipali huma:

    i. B'sentenza tal-15 ta' Marzu 2023 il-Qorti tal-Familja fil-kawża 141/2011 ikkundannat lir-rikorrenti sabiex *"3...... tħallas nofs il-pagamenti mensili tal-home loan minn Diċembru 2010, b'dana li jittieħed in konsiderazzjoni tal-ħlas diġa' magħmul mill-konvenuta stess fil-mori tal-kawża minn Frar 2014 'il quddiem"*. Il-qorti ordnat li l-ispejjeż kellha tagħmel tajjeb għalihom ir-rikorrenti (konvenuta f'dik il-kawża).
    ii. Fil-21 ta' Ġunju 2023 l-intimat talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru numru 89/2023, għas-somma ta' **€9,477.10** in kwantu għal €9,292.33 li huma nofs il-pagamenti tal-home loan minn Diċembru 2010 sa Jannar 2014, u s-somma ta' €184.77 li hu nofs il-pagament dovut għall-polza ta' assigurazzjoni tal-fond komuni għas-sena 2023; u €2,822.39 spejjeż ġudizzjarji tal-kawża.
    iii. Hemm qbil li l-intimat kien iddepożita fil-qorti s-somma ta' €13,824.26 wara li r-rikorrenti talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru numru 713/2013 (ċedola 1352/2013). Mandat ta' sekwestru li nħareġ bħala att eżekuttiv, b'referenza għall-pretensjoni li r-rikorrenti għandha kontra l-intimat skont kuntratt ta' separazzjoni tad-19 ta' Ottubru 2010, għas-somma ta' €17,000 oltre imgħax u spejjeż.
    iv. Fil-15 ta' Marzu 2023 ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Familja (141/2011) li *inter alia* ikkundannat lir-rikorrenti sabiex tħallas lill-intimat

nofs il-pagamenti tal-*home loan* minn Diċembru 2010 sa Jannar 2014. Sentenza li hi ġudikat.

v. Fl-10 ta' April 2023 intbagħatet ittra legali lill-intimat li fiha jingħad li r-rikorrenti għandha tħallas lill-intimat is-somma ta' €4,847 bħala sehema mill-pagament tal-home loan.

vi. Fil-21 ta' Ġunju 2023 l-intimat talab u ottjena l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru numru 89/2023, meritu ta' din il-proċedura.

vii. Fir-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru preżentat fil-21 ta' Lulju 2023, ir-rikorrenti issostni li l-ammont li għandha tħallas lill-intimat hi €6,590.12 in kwantu għal €3,767.73 pagamenti kif spjegat hawn fuq u €2,822.39 spejjeż ġudizzjarji.

5. Il-qorti fehmet li l-ewwel talba tar-rikors promotur saret a bażi tal-proċedura kontemplata fl-art. 281 tal-Kap. 12. Att eżekuttiv jista' jitħassar minn qorti *"għal raġuni valida skont il-liġi"*. Fil-fehma tal-qorti dan il-kliem hu wiesa' biżżejjed biex jippermetti lill-qorti li tħassar mandat eżekuttiv mhux biss minħabba xi nuqqas ta' natura proċedurali.

6. Fl-ewwel lok jirriżulta li l-flus li ddepożita l-intimat permezz taċ-ċedola 1352/2013 ġew depożitati sabiex ikun jista' jinħareġ il-kontromandat għall-mandat ta' sekwestru numru 713/2013 u l-mandat ta' qbid numru 1043/2013 u ġie dikjart li l-flus għandhom, *".... jiġu żbankati minn min ikollu jedd għalihom skont il-Liġi wara l-eżitu ta' kull pendenza ġudizzjarja li tista' tkun pendenti bejn il-partijiet"*. Dan ifisser li r-rikorrenti m'għandhiex il-liberta li tmur tiżbanka l-flus li iddepożita l-intimat (€13,824.26).

7. Li hu żgur hu li l-partijiet huma kredituri ta' xulxin. Il-kwistjoni hi dwar l-ammont tal-kreditu li kull parti għandha fil-konfront tal-parti l-oħra.

8. Mis-sentenza li tat il-Qorti tal-Familja fil-15 ta' Marzu 2023, ir-rikorrent għandu kreditu ta' **€2,822.39** spejjeż ġudizzjarji relatati mal-kawża 141/2011 deċiża fil-15 ta' Marzu 2023;

9. Bejn Diċembru 2010 u Jannar 2014 hemm 38 xahar. Hu biss minn rendikont tal-bank li jista' jirriżulta b'mod ċert is-somma eżatta li ħallas l-intimat. Ir-rendikont li ippreżentat ir-rikorrenti mar-rikors promotur fih paġna nieqsa (perjodu Novembru 2012 sa Settembru 2013) u għalhekk ma kienx possibbli li jsiru kalkoli bażati fuq dak id-dokument. Jekk jiġi preżunt li fil-perjodu in kwistjoni l-intimat għamel 38 pagament ta' €262, sehem ir-rikorrenti kien **€4,978**.

10. Għalhekk il-qorti mhijiex sodisfatta li r-rikorrenti wriet b'mod konvinċenti li l-ammont dikjarat fil-mandat ta' sekwestru 89/2003 hu eċċessiv.

11. Għal dak li hu imgħax u li ssemma waqt is-sottomissjonijiet, l-intimat qiegħed jippretendi **€4,314** (ara nota li ppreżenta fis-seduta tallum). Jirriżulta li fl-aħħar tar-rikors maħluf tal-kawża 141/2011 talab l-imgħax. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza ma jissemmiex l-imgħax espressament għalkemm l-ewwel qorti laqgħet ir-raba' talba li tinkludi talba sabiex il-qorti *"4..... tordna lill-intimata tħallas is-sehem tagħha mill-pagamenti sa minn Diċembru 2010 jew data oħra verjuri stabbilita mill-Qorti"*. Irrispettivament jekk l-imgħax huwiex inkluż fit-titolu eżekuttiv li għandu l-intimat, fil-mandat ta' sekwestru ma ġiex inkluż imgħax. Fil-fatt fil-parti tal-kreditu fejn hemm il-kelma "Imgħax", l-intimat qal "Riżervat".

12. Il-pretensjoni tar-rikorrenti kienet ta' €17,000 (ara mandat ta' sekwestru eżekuttiv 713/2013), apparti spejjeż u imgħax. Il-flus depożitati fil-qorti permezz taċ-ċedoli 591/2013, 750/2013 u 1352/2013 huma fl-ammont ta' €17,869.48. Sal-lum ir-rikorrenti għadha ma ddikjaratx x'inhi s-somma li qiegħda tippretendi mingħand l-intimat. Hu minnu li fl-ittra legali tal-10 ta' April, 2023 ir-rikorrenti stiednet lill-intimat biex jintlaħaq qbil *".... sabiex miċ-ċedoli depożitati (kopji annessa) titħallas inti s-sort dovut lilek skont is-sentenza tal-Qorti u titħallas il-klijenta tiegħi s-somma dovuta lilha ai termini tal-klawżola 8(a) tal-kuntratt ta' separazzjoni"*. Madankollu, hu evidenti li ma ntlaħaq l-ebda qbil.

13. Għaldaqstant, m'għandhiex raġun ir-rikorrenti meta talbet għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru *"ii)..... stante illi l-ammont pretiż huwa ġja kawtelat permezz ta' ċedola ta' depożitu nru: 1352/2013"* (tieni talba tar-rikors promotur) Il-flus depożitati qegħdin ikopru l-pretensjoni tar-rikorrenti li sallum għadha dik li kienet meta ppreżentat il-mandat ta' sekwestru.

**<u>Deċiżjoni</u>**.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-ewwel u t-tieni talba tar-rikors promotur, b'dan li għal kull buon fini tordna li l-mandat ta' sekwestru 89/2003 fl-ismijiet <u>Josef Borg vs Samntha Borg</u> m'għandux ikollu effett fuq l-ewwel €698.81 fix-xahar tas-salarju jew paga li tirċievi r-rikorrenti (ara art. 381 u 382 tal-Kap.12).

Spejjeż a karigu tar-rikorrenti.

Anthony Ellul

Imħallef.